**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 798 / 2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur John Spiteri)**

**vs**

**Andre Massa**

Illum 26 ta' Mejju 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Andre Massa detentur tal-karta tal-identita' numru 0473993 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar l-24 ta' Dicembru 2021 bejn il-hinijiet ta' 20:00hrs u 23:30hrs, gewwa Seaview Hotel, Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar, fi bnadi ohra f'San Pawl il-Bahar, f'Bahar ic-Caghaq u f'diversi postijiet f'dawn il-Gzejjer Maltin;

1. Bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-eks siehba tieghu u cioe' Dinah Lee Farrugia ID:404601L u cioe persuna msemmija fl-artikolu 202(h) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-volonta' taghha, liema persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il-persuna taghha.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tal-eks siehba tieghu u cioe' Dinah Lee Farrugia ID: 404601L f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq l-eks siehba tieghu l-istess Dinah Lee Farrugia ID: 404601L li tigi omm it-tifel tieghu Kane Massa, hekk kif iccertifikat minn Dr. Stephanie Scerri (Med Reg. 4005).

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' l-eks siehba tieghu u cioe' Dinah Lee Farrugia ID: 404601L f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq l-eks siehba tieghu l-istess Dinah Lee Farrugia ID: 404601L li tigi omm it-tifel tieghu Kane Massa, hekk kif iccertifikat minn Dr. Stephanie Scerri (Med Reg. 4005).

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi, hebb kontra l-eks siehba tieghu u cioe' Dinah Lee Farrugia ID: 404601L sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi dispozizzjoni ohra ta' dan il-Kodici.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi, hebb ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijja band'ohra fil-kodici kriminali lill-eks siehba tieghu, u cioe' Dinah Lee Farrugia ID: 404601L jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi saq il-vettura ta' ghamla Volkswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni EBH061 b'nuqqas ta' kont, traskuragni, u/jew b'mod perikoluz.

7. U aktar talli renda ruhhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tiskwalifika lil Andre Massa milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan u dan skont l-Artikolu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Andre Massa a beneficju ta' Dinah Lee Farrugia u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tohrog ordni ta' trattament ai termini tal-artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll f'kaz ta' htija, sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Dinah Lee Farrugia kif jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Andre Massa billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq u, jew torbot lil Andre Massa b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Arikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmi Andre Massa sabiex ihallas l-ispejjez li

jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, jekk ikun il-kaz, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar it-28 ta' Frar, 2022, fejn il-Qorti rat l-artikoli indikati u cioe' l-Artikoli 86, 87 (1) (c) (h), 202 (h) (i) (v), 214, 216 (1) (b), 221 (1), 222 (1) (a), 202 (h) (i) (v), 339 (d), 339 (e), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 u 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u 15 (3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku.

Rat li l-imputat ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Stante ammissjoni, il-Qorti sabet lill-imputat Andre Massa hati tal-akkuzi kollha b'dan illi ghas-sitt (6) akkuza sabithu hati biss ta' sewqan bla kont u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 A tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta poggietu taht Ordni ta' Probation ghal zmien tliet (3) snin flimkien ma' Ordni fil-Komunita' (Artikolu 11) ghal erbghin (40) siegha.

Il-Qorti wkoll ordnat Ordni ta' Trattament ghal sena (1) taht l-Artikolu 412 D sabiex ikompli jindirizza l-problemi tieghu. Ukoll il-Qorti ordnat Ordni ta' Trazzin ghal tliet (3) snin favur il-vittma, u liema ordnijiet jaghmlu parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment l-imputat gie skwalikat mill-licenzja tas-sewqan ghal tmient (8) ijiem dekorribbli min-nofs il-lejl.

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fil-16 ta' Marzu, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

1) TIKKONFERMAHA f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat ħati ta' kull imputazzjoni dedotta kontrih;

2) TIKKONFERMAHA f'dik il-parti fejn l-imputat tqiegħed taħt taħt Ordni ta' probation għal żmien tliet (3) snin flimkien ma' Ordni fil-Komunità (Artikolu 11) għal erbgħin (40) siegħa; fejn tqieħed taħt Ordni ta' Trattament għal sena (1) taħt l-Artikolu 412 D sabiex ikompli jindirizza l-problemi tiegħu, fejn tqiegħed taħt Ordni ta' Trażżin għal tliet (3) snin favur il-vittma, u liema ordnijiet huma parti integrali mis-sentenza u fejn l-imputat kien ukoll skwalifikat mil-liċenzja tas-sewqan għal tmint (8) ijiem dekorribbli min-nofsillejl.

3) TIRRIFORMAHA billi l-ordni ta' probation għal żmien tliet snin tkun imsejsa fuq l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux taħt l-artikolu 7 A tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-aggravju li huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

**ILLI** l-esponent, filwaqt li jaqbel mas-sejbien ta' ħtija u mal-piena li ngħatat fil-konfront tal-imputat, ħassu aggravat bil-mod ta' kif l-ewwel Qorti għamlet enunċjazzjoni żbaljata tal-applikazzjoni tal-artikolu tal-liġi, stante illi l-ordni ta' *probation* kellu jkun skont id-dettami tal-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux skont l-artikolu 7 A tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għaliex l-artikolu 7 A tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta ma jeżistix.

Rat dak li gie verbalizzat waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju 2022 fejn l-Avukat Generali stqarr li f'kaz li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti ghandha tigi dikjarata nulla, m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi deciz minn din il-qorti kif preseduta. Rat ukoll dak li gie verbalizzat minn Dr. Lennox Vella ghan-nom tad-difiza u cioe li kien qed jassocja ruhu mal-verbal tal-Avukat Generali.

Semghet is-Sottomisjonijiet tal-partijiet dwar l-eccezzjoni tan-nullita sollevata mill-Avukat Generali.

**Ikkunsidrat,**

Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra ghandu jkun osservat illi wara li l-ewwel Qorti sabet htija, *inter alia,* tal-akkuzi kollha addebitati fil-konfront tal-appellant sa dawk ta' sewqan perikoluz, fuq ammissjoni tieghu registrata waqt is-seduta tat-28 ta' Frar 2022, ccitat hazin l-artikolu tal-ligi dwar il-provediment tal-probation li kienet bi hsieba taghti u dan billi indikat l-artikolu bhala Artikolu 7A minflok 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi hekk:

> *Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-*

*piena u ssemmi l-artikoli ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.*

Il-gurisprudenza in rigward hija wahda kopjuza u kostanti li dejjem rriteniet illi f'sitwazzjoni konsimili s-sentenza tkun nulla fl-intier taghha. Inkluz ma' dan hu l-principju li din hi kwistjoni ta' ordni pubbliku u ghandha titqajjem *ex officio* meta tirrizulta. Ghal dawn ir-ragunijiet, stante illi s-sentenza appellata hija karenti minn formalita' essenzjali ghall-validita taghha, tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett.

Tajjeb izda li jkun osservat illi "t-thassir tas-sentenza japplika biss ghal dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant jinstab hati. Dan hu hekk peress li, l-ewwel nett, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jezigi li tkun indikata d-disposizzjoni tal-ligi biss fejn tkun qed tinstab htija u mhux ukoll f'kaz ta' liberazzjoni; u t-tieni nett, il-ghaliex kieku kien mod iehor, ikun qieghed indirettament ikun estiz id-dritt ta' appell tal-Avukat Generali bi ksur ta' l-Artikolu 413(1)(b)". **Il-Pulizija vs Charles Micallef** App Krim 23.6.1995. Ara ukoll **Il-Pulizija vs Joseph Farrugia** 13.1.1995; **Pulizija vs Karmenu Attard** - App Krim 28.4.1995 **Il-Pulizija vs Katya Victoria Camilleri** – App Krim 19.10.2006 u **Il-Pulizija vs Mark Attard** 289/2006 –19.5.2008;

Inoltre, dikjarazzjoni ta' nullita' ta' sentenza, iggib maghha effetti li jvarjaw minn kawza ghall-ohra. L-ewwel wiehed hu li fit-termini tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi hi stess il-kaz mill-gdid "meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalita'; li trid il-ligi taht piena ta' nullita', jew li tkun xort'ohra sostanzjali"; l-aggravji tal-appellant imbaghad jitqiesu bhala sottomissjonijiet fil-kawza (ara **Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech[**App Krim 10.09.07]). Finalment, meta tigi biex tiddeciedi l-mertu mill-gdid, din il-Qorti ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) tal-

artikolu 428, jigifieri mal-piena erogata mill-ewwel Qorti u konsegwentement tista zzid il-piena skond il-kaz. (ara **Il-Pulizija vs Joseph Farrugia** [App Kri 13.1.1995); Ghalhekk din il-Qorti qeghda tannulla s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti nhar it-28 ta' Frar 2022 u sejra tiddeciedi l-istess sentenza mill-gdid.

Il-fatti ta' dan il-kaz huma dwar sekwestru ta 'persuna u cioe Dinah Lee Farrugia, offiizi ta' natura gravi fuq il-persuna taghha li tigi omm it-tifel tal-akkuzat kif ukoll talli kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq l-istess persuna'. Il-Pulizija ressqet lill-imputat sabiex iwiegeb ghall-dawn l-imputazzjonijiet wara li l-kwerelanta, li tigi omm il-minuri tal-akkuzat irrapurtat lill-Pulizija illi l-imputat appellant mar ifittixha waqt li kienet fuq btala fil-lukanda Seaview Hotel ma xi hbieb fil-kamra 815 u bi sforz hadha mieghu fil-karozza.

Il-Qorti ezaminat ir-rapport imhejji mir-risk assesor Karl Saliba u Roberta Formosa li l-akkuzat appellat huwa bniedem perikluz tant li ir-risk assessment skorja 16 High Risk u ghalhekk jehtieg li jigi nominat ufficcjal tal-probation biex jiehu hsieb it-temperament tal-appellant u ma jigix ripetut agir bhala dan.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikli tal-ligi u cioe 214, 216 (1) (b), 221 (1) a) 202 (h) (i) (v) 339 (d) (339 (e) 49 u 50 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda fuq ammissjoni tal-appellant stess, issibu hati tar-reati kollha moghtija fil-konfront tieghu salv dik ta' sewqan perikoluz minn liema akkuza qed tilliberah u ghalhekk qeghda tpoggi lill-istess appellant taht ordni ta' probation ghall-perijodu ta' tlett snin millum u dan taht il-kundizzjonijiet annesi mad-digriet anness ma din is-sentenza.

Qeghda ukoll tordna li tinhareg fil-konfront tieghu Ordni fil-Komunita ta' erbghin (40) siegha ai termini tal-artikolu 11 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Qeghda tikkonferma l-Ordni ta' Trattament ghal sena taht l-Artikolu 412D sabiex ikompli jindirizza l-problemi tieghu. Ukoll il-Qorti tordna Ordni ta' Trazzin ghal tlett snin (3) favur il-vittma u liema ordnijiet qed jaghmlu parti integrali minn din is-sentenza. Finalment, l-appellant qed jigi ukoll skwalifikat mil-licenzja tieghu tas-sewqan ghal tmint ijiem (8) dekorribli minn nofs il-lejl.

Il-Qorti spjegat fi kliem spemplici r-riperkussjonijiet jekk din l-Ordni ma tigix obduta.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Nadia Ciappara
Deputat Registratur